# MALTE ET SA LITTÉRATURE

## MALTA U L-LETTERATURA TAGĦHA

Taħt dan it-titlu deher fil-perjodiku "*La Grande Revue*" ta' Pariġi artiklu ta' tnejn-u-għoxrin paġna, mill-pinna tal-ħabib tagħna, Laurent Ropa, żagħżugħ qalbieni, għaref u ħabrieki fil-qasam letterarju, u Malti tassew li fil-kobor ta' Franza, u fil-ġmiel ta' Pariġi, ma jinsa qatt lil din il-gżira ċkejkna li kienet art twelidu.

F'dan l-artiklu Laurent Ropa, magħruf fi Franza bħala poëta u aktar bħala rumanzier, fittex bir-reqqa kollha fl-istorja tal-Gżira l-egħruq tal-lsien malti u l-bidu tal-letteratura maltija; u jiena naħseb illi hu, jekk ma wasalx għal kollox fejn ried jasal, mexa fuq dik it-triq biċċa sabiħa bil-bosta.

Fis-suġġett daħal bis-saħħa kollha taż-żgħużija li taf: "Malte a sa langue: elle a voulu avoir sa litterature et, on peut le dire déja: elle l'a."

Malta għandha qalb, igħid Ropa, qalb li tħabbat b'saħħa kbira ta' ħajja qadima, iżda ta' ħajja dejjem ġdida: Malta hi pajjiż imħeġġeġ b'fidi reliġjuża qawwija, b'imħabba sabiħa ta' kull ma hu tajjeb, u b'tama sħiħa fiż-żmien. F'ebda naħa oħra tad-dinja ma titkellem in-nies fuq art twelidha u fuq misserijietha b'kelma iżjed weġġieħa u b'qalb iżjed ħanina.

Għalhekk, wara li b'erba' pinzellati ta' mgħallem jagħti x-xbieha ta' Malta fl-istorja u fiċ-ċiviltà tal-Mediterran, l-isem tagħha fil-poëżija u fil-proża ta' kittieba minn l-aqwa, il-karattru sieber, imma qawwi ta' tajfet-il-malti, jasal għall-konsegwenza li Malta, għad li fid-daqs hi xi ħamsa u tletin darba iżgħar minn Korsika, u fil-għadd tan-nies ma twassalx aktar minn kwart ta' miljun, hi, bla dubju ta' xejn, *nazzjon*: "mais voici de quoi l'on ne se doute peut-etre pas: Malte est une nation."

Issa l-fehma tiegħu hi li kull nazzjon, għalkemm żgħira, għandha l-jedd li tħares ix-xejriet li huma tagħha bħala ġens, u l-lsien tagħha li kiber u ntiseġ ma' dawk ix-xejriet; karattru u lsien li miżmumin f'kitba tajba u xierqa jagħmlu l-letteratura tagħha. Tista' tkun żgħira din il-letteratura, iżda, għalkemm ċkejkna, hi dejjem żjieda u żîna tal-patrimonju



tal-bnedmin; u għalhekk mhux biss jixraq, iżda jeħtieġ ukoll, illi kull nazzjon, għad li ċkejkna, ikollha l-letteratura tagħha, u tagħraf tħarisha.

Imiss, u jirrofta b'saħħa, il-fehma li t-Taljan hu l-lsien nazzjonali tal-Maltin; u biex juri li dan qatt ma kien hekk, jiġri ġirja fuq l-istorja ta' Malta, u juri li l-Malti kien, fiż-żmenijiet kollha, il-lsien tal-Maltin, u li dejjem inħtieġ dan il-lsien, sewwa mitkellem u sewwa miktub, kull meta wieħed ried jiftiehem mal-poplu malti.

Għal dik li hi kitba, jibda mill-Ktieb tad-Dutrina Nisranija (1570), u b'ġirja ħafifa fuq dawk li b'xi għamla jew oħra għenu, kabbru u sebbħu l-letteratura maltija, jasal sa l-aħħar pubblikazzjonijiet ta' żmenijietna.

Iwarrab ukoll il-ħsieb igħar ta' xi fonqla li l-kittieba tal-malti ma jagħmlux ħaġa oħra għajr letteratura taljana fil-lsien tagħhom.

Jagħlaq l-artiklu tiegħu billi jfaħħar bi kliem sabiħ u qawwi xi poëżijiet ta' żmienna, fosthom il-versi ta' Dun Karm "L-Għanja Tibqa'" maqluba minnu fil-Franċiż.

Lill-ħabib tagħna, Laurent Ropa, nifirħulu minn qalbna u nixtiqulu ħafna żmien u ħafna saħħa biex ikun jista' jagħtina ħafna kitba bħal din li fuqha tkellimna.

**Dun Karm**